MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2010

Numru. 635/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Johnny Bigeni bin Carmel u Rose nee' Camilleri, imwieled fit-8 ta' Dicembru, 1992 u residenti fil-fond Casa Bigeni, Triq Wied Simar, Qala, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 2693(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Johnny Bigeni li gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Awwissu, 2009, ghal habta ta' 17:55hrs fil-Qala, Ghawdex:

1) Saq mutur bin-numru FAL 601 tal-ghamla Honda minghajr il-licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta;
2) Saq l-imsemmi mutur minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni rigward ir-riskji ta' terzi persuni;
3) Saq l-imsemmi mutur minghajr crash helmet;
4) U sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D. datata 16.07.2009 liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tigi mhassra;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoniji giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu bzonn gwida f'hajtu biex ma jergax jikkommetti reati simili;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15 (1) tal-Kapitolu 65, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104, Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fiz-zmien li huwa jinsab taht din l-Ordni ta’ Probation;

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------